**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 13 ta’ Gunju 2017**

**Rikors Numru. 42/2015**

**Paul Patrick Muscat**

**Vs**

**Awtorita` ghat-Trasport f’Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Paul Patrick Muscat** fil-25 ta’ Gunju 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-
“
*1. Illi l-esponent gie notifikat b’decizjoni mehudha mill-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta fil-5 ta’ Gunju, 2015 - kopja annessa bhala Dok A.*
*2. Illi din is-sentenza tghid li l-esponent kiser ir-RegolamentI TAL-s.l. 65.15 u per konsegwenza giet sospiza l-licenzja tieghu ta’ Tester bin-numru LTD 38/98/207 u di piu’ huwa gie mmultat ai termini tal-istess Regolamenti.*
*3. Illi r-ragunijiet u l-aggravji tal-appellanti qed jigu hawn spjegati f’dan l-umli appell.*
*4. Illi b’refrenza ghall-kaz in kwistjoni din ma kinitx nuqqas da parti tal-appellant izda kienet manuvra da parti ta’ terzi li bl-ebda mod ma setghet tkun maghrufa mill-appellant.*
*5. Illi kif ser jirrizulta mill-provi l-esponent segwa l-proceduri kollha kif mitlub minnu bhala Tester u l-problema fil-vettura in kwistjoni ma zviluppatx minhabba nuqqas tal-esponent.*
*6. Illi t-test tal-VRT gie segwit mill-esponent skont il-prassi u huwa mhux responsabbli ghal dak allegat mill-Awtorita’ fid-decizjoni tieghu.*

*7. Illi di piu' r-rizultati tan-nuqqasijiet elenkati mill-Awtorita' rrizultaw zmien wara li sar it-test tal-VRT mill-esponent u f'dan il-perjodu l-esponent ma kellux kontroll fuq il-vettura peress li din kienet f'idejn terzi.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponent qieghed umilment jitlob illi dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka in toto d-decizjoni tal-Bord datata 5 ta' Gunju, 2015 fuq indikata."*

Ra illi l-Awtorita` intimata debitament notifikata, ma pprezentat l-ebda risposta fit-terminu koncess mil-ligi.

Ra id-digriet tat-23 ta' Settembru 2015 fejn ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh;

Ra illi l-Awtorita` intimata ipprezentat risposta ghar-rikors promutur fis-7 ta' Ottubru 2015;

Ra d-digriet tal-10 ta' Dicembru 2015 fejn it-Tribunal ordna l-isfilz tal-istess risposta peress li kienet wahda tardiva;

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent, ta' Aaron Muscat, ta' Alan Magro u ta' Lino Abela;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 5 ta' Gunju 2015 li permezz taghha gie infurmat illi l-Awtorita intimata kienet qed timponi fuqu, *qua tester*, hamsin (50) punt ta' penali u wkoll elf (1000) punt ta' penali *qua* operatur u hlas ta' hdax-il elf ewro (€11,000) bhala penali amministrattiva. L-Awtorita` intimata infurmatu wkoll illi kienet qieghdha wkoll tissospendilu l-licenzja ta' *tester* stante li kien akkumula iktar minn 150 punti penali. Illi mill-istess decizjoni jirrizulta illi d-difett riskontrat mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata kien illi l-vettura li kien sarilha t-test kellha l-"*left side wishbone ball joint was excessively worn out to the extent that the safe handling of the vehicle by its new owner was impaired."*

Illi **r-rikorrent** xehed illi huwa jopera *VRT Station* gewwa l-Gharghur fejn fit-30 ta' April 2015 kien ghamel VRT fuq vettura tal-ghamla Kia Avella li kien gabha ghandu Sonic Auto Dealer. Huwa spjega li ccekkjaw il-vettura mil-bidu sal-ahhar u kienet tidher li hija sewwa u ghaddewha. Jghid li f'dan it-test kien

qed jassistih it-tifel tiegħu. Jgħid li sussegwentement, fid-19 ta' Mejju 2015, kien mar Lino Abela ma' George Mifsud fil-garage tiegħu u ordnalu biex jerga' jagħmel test fuq il-vettura in kwistjoni fejn sab li l-*ball joint* tal-*wishbone* tan-naħa tax-xellug kellha l-laxk. Għalhekk huwa mar ikellem lil certu Allan tas-Sonic Auto Dealer fejn dan tal-aħħar infurmah li dik il-vettura biegħha xi mitejn jew tliet mitt ewro u ma qala' xejn minnha u qallu li meta tellagħha għall-VRT kien daħħlilha xi mbarazz halli ma jkollhiex cekcik biex ibiegħha stante li għalih ma kienx *worth it* joqgħod jagħmlilha l-*ball joints* għall-prezz li biegħha. Jgħid li t-test għal-laxk fil-*ball joints* huwa ezami vizwali u f'dan il-kaz saru l-ezamijiet kollha necessarji li ma taw l-ebda indikazzjoni li kien hemm xi laxk.

**Aaron Muscat**, it-tifel tar-rikorrent, xehed illi huwa jaħdem bħala *assistant helper* fil-*VRT station* ta' missieru. Fir-rigward tal-vettura in kwistjoni, li pero` huwa jirreferi għaliha tal-għamla Peugeot 306, sarilha test normali, iggakkjawha minn quddiem biex ir-roti jkunu *free* u kollox deher normali. Jispjega li kieku jkun hemm laxk eccessiv jinstema' l-ħoss, mentri waqt it-test in kwistjoni ma nstemgħu l-ebda ħsejjes. Jispjega li l-vettura kien ħadha għat-test certu Allan Magro. Jgħid li xi tlett gimgħat wara din il-vettura reggħet daħlet fil-*VRT station* ta' missieru minn ufficjali tal-Awtorita` intimata u s-sid tagħha fejn wara li sarilha test irrizulta li kien hemm xi *ball joint* ftit laxk. Jgħid li missieru kellem lil Allan Magro fuq din il-kwistjoni.

**Allan Magro** xehed illi jinnegozja fil-vetturi u jgħid li f'perjodu partikolari kellu problema b'bejgħ ta' vettura lil persuna Taljana. Il-problema kienet tirrigwarda *tyre* u kienu solvewha billi kienu qatgħulha kambjala. Jgħid li r-rikorrent kien mar ikellmu fuq din il-vettura partikolari u kien qallu li kellu l-Qorti fuqha. Jgħid li l-problemi f'din il-vettura kienu fit-*tyre, wishbone, rim* u xi ħaga fir-rota. Jispjega li r-rikorrent ma kienx affrontah fuq ir-rota u li hu ma kien għamel l-ebda ħaga fir-rota sabiex tgħaddi mill-VRT. Jispjega li huma jieħdu l-vettura għall-VRT halli jekk ikun hemm xi ħaga mhux regolari huma jirrangawha u jerggħu itellgħuha għat-test. Ix-xhud innega li r-rikorrent kien akkuzah li kien pogga xi ħaga fir-rota biex il-vettura tgħaddi mill-VRT.

Meta sar konfront bejn ir-rikorrent u Allan Magro, ir-rikorrent spjega li meta mar għand Magro wara r-*retest,* l-istess Magro qallu "*daqs kemm għadda zmien, mela jien naf kif saqitha*?*....u kieku stess, aħna mhux malajr nirrangaw xi ħaga biex tkun tajba?*" Allan Magro nnega li qal dan il-kliem.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal jinsab rinfaccjat b'zewg verzjonijiet li huma konfliggjenti. Filwaqt li r-rikorrent qiegħed jishaq illi meta huwa għamel il-VRT fuq il-vettura in kwistjoni din ma tat l-ebda sinjal ta' laxk fil-*ball joint* u kien biss wara r-

*retest* li skond hu sar jaf li kien iddahlulha xi affarijiet biex din ma jkollhiex daqshekk laxk minn min kien se jbiegha, u cioe` Allan Magro, l-istess Magro jinnega dan kollu.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-VRT sar fit-30 ta' April 2015 mentri t-tieni test fil-presenza tal-ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport sar fid-19 ta' Mejju 2015, **u cioe` ghoxrin gurnata wara.**

Illi t-Tribunal jista' jikkoncedi illi *ball joint* fi stat tajjeb ma tizviluppax laxk daqshekk evidenti fi zmien ghoxrin gurnata sakemm ma' jkunx hemm xi fatt straordinarju bhal xi daqqa kbira fil-mekkanizmu tar-rota forsi wara li tkun dahlet go xi hofra.

Illi t-Tribunal kellu wkoll l-opportunita` jisma' u jara l-komportament tax-xhieda fuq il-pedana tax-xhieda minn fejn l-istess seta' jinnota l-mod kemmxejn arroganti li bih xehed Allan Magro u t-Tribunal bla tlaqliq huwa tal-fehma illi l-istess xhud ma kien xejn kredibbli.

Illi t-Tribunal huwa tal-opinjoni illi meta l-vettura in kwisjtoni ittiehdet ghand ir-rikorrent biex isirilha l-VRT dan sarilha kif suppost, u fir-rigward tal-*ball joint* in kwistjoni l-istess rikorrent gie zgwidat mill-fatt illi qabel ittiehdet ghandu kienet saritilha xi modifika, li r-rikorrent vizwalment ma setghax jinduna biha, biex b'hekk ghaddiet mit-test u setghet tinbiegh minn Allan Magro.

Illi t-Tribunal ghal darb'ohra jerga' jishaq illi dawn l-ispezzjonijiet mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata ghandhom isiru kemm jista' jkun dakinhar li jkun sar il-VRT u mhux diversi granet wara ghax fil-frattemp il-VRT *tester* ma jkollu l-ebda kontroll ta' kif tkun instaqet il-vettura jew inkella giex mibdul xi haga minnha, bhal perezempju meta persuna ttella' vettura b'*set tyres* tajbin u mbaghad wara l-VRT tbiddel xi *tyre* minnhom ma' wiehed antik.

Illi ghaldaqstant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal ihoss li ghandu jaghti kredibilita` iktar lill-verzjoni offruta mir-rikorrent u jirrevoka *in toto* d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 5 ta' Gunju 2015 kemm fil-konfront tar-rikorrent *qua* tester u kif ukoll *qua* operatur.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrent u jirrevoka *in toto* d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 5 ta' Gunju 2015.

In vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**